MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Rikors Numru. 15/2007

**MIRA MOTORS SALES LTD. (C3303)**

vs.

George **BORĠ** u martu Miriam Borġ

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-8 ta’ Jannar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti terġa’ tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fid-29 ta’ April, 1999 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit. Nru 159 / 99 GCD) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimat notifikat kif imiss għall-finijiet ta’ l-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti ikkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t'talbiet ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------